**Fit-Tribunal Industrijali**

**Decizjoni Nru. 2081**

**Kaz Nru. 2821/ET**

**Fit-Kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Melvic Agius**

**u**

**Maypole Holdings Limited**

**Illum : 9 ta' Gunju 2011**

***dwar: Tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta***

**Chairman: Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip. Mgt.**

## Introduzzjoni

B'dikjarazzjoni pprezentata fir-registru tal-Qrati Superjuri fit-28 ta' Lulju 2010, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impjieg tieghu minn mas-socjeta' intimata ma saritx ghal raguni gusta. Mad-dikjarazzjoni l-esponenti pprezenta kopja tal-formola tat-tmiem tal-impieg tieghu fejn hemm indikat li hu gie mkecci mix-xoghol fis-27 ta' Gunju 2010 '*on disciplinary grounds*'.

Da parti taghha, is-socjeta' irribattiet li d-decizjoni tat-terminazzjoni ta' l-impjieg tar-rikorrent ittiehdet f'mument meta dan kien qieghed jillitika ma' direttur taghha u, b'danakollu, fil-granet ta' wara (dik id-decizjoni) gie offrut l-impieg lura pero' rrifjuta.

Is-socjeta' intimata ddikjarat ukoll li rrizultalha li r-rikorrent kien sab impieg iehor alternattiv u, presumibilment, din kienet r-raguni ghaliex ma laqghax it-talba, li kienet qed issirlu meta kien ghadu fl-impieg, li jidhol jahdem filghodu minflok wara nofs in-nhar "tant illi meta kien lilu itterminat l-impieg, dejjem stqarr mas-socjeta' illi ma kienx interessat jidhol lura izda biss illi jithallas in-*notice money* – kif fil-fatt sar".

**Fatti**

Mill-kuntratt tax-xoghol datat 5 t'Awwissu 2009 (Dok. SDl fl-inkartament), iffirmat mill-partijiet, jirrizulta li r-rikorrent beda jahdem mas-socjeta' intimata fit-23 ta' Jannar 2008 bhala *shop attendant* ghal zmien indefinit. Is-sieghat normali tax-xoghol kellhom ikunu erbghin (40) siegha kull gimgha kalendarja maqsuma mit-Tnejn sal-Hadd fuq sistema ta' *roster* li setghet tinbidel ghad-diskrezzjoni tas-socjeta' intimata.

Is-socejta' intimata ghandha diversi hwienet u, skond l-istess kuntratt, ir-rikorrent kellu jahdem f'kull post tax-xoghol li jigi determinat minnha.

Il-hinijiet tax-xoghol, kif gew stabbiliti mis-socjeta' intimata, kienu fuq bazi ta' zewg xifts. L-ewwel xift kien mis-6:00a.m. sas-1.00p.m. u x-xift l-iehor kien mis-1.15p.m. sad-9.00p.m.

Fit-28 ta' Gunju 2010, skont ir-*roster* miftiehem, ir-rikorrent kien imissu xoghol filghodu fil-fergha ta' Hal-Qormi.

Fis-27 ta' Gunju 2010, Antonella Debono, allura kap tar-rikorrent f'dik il-fergha, infurmat lir-rikorrent li r-*roster* kien inbidel u qaltlu biex l-ghada, jigifieri fit-28 ta' Gunju 2010, jidhol fix-xift ta' wara nofs in-nhar ghax ma kellhiex bzonnu filghodu.

In vista ta' dan it-tibdil fir-roster, ir-rikorrent ghamel il-pjanijiet tieghu biex l-ghada (28 ta' Gunju 2010) imur jistad bid-daghjsa ma' missieru. Kif fil-fatt ghamel.

Gara li dakinhar (28 ta' Gunju 2010), ghal habta ta' 9:30a.m., ir-rikorrent ircieva telefonata minghand l-imsemmija Antonella Debono biex jidhol xoghol dak il hin stess u din ghedditu li jekk ma kienx ser jidhol kien jitkecca. Ir-rikorrent infurmaha li dak il-hin ma setax jidhol xoghol. Antonella Debono baqghet tinsisti li kellu jidhol altrimenti kien jitkecca.

Dakinhar ir-rikorrent mar ghax-xoghol fil-hin indikat fir-*roster* kif kien mibdul, jigifieri fis-1.00p.m., u l-istess Debono qaltlu biex ma jidholx fil-hanut ghax kien imkecci.

Tlett (3) tijiem wara l-incident, ir-rikorrent iltaqa' ma' Bastjan Debono, direttur tas-socjeta' intimata, li qallu biex jidhol lura ghax-xoghol fil-fergha ta' l-Iklin. Ir-rikorrent irrifjuta din l-offerta.

**Provi**

Gew prodotti s-segwenti xhieda u dokumenti: -

Sebastian Debono, Direttur tas-socjeta' intimata, li esebixxa l-kuntratt tax-xoghol tar-rikorrenti.

Ir-rikorrent.

John Agius (missier ir-rikorrent).

**Kunsiderazzjonijiet**

Is-sottomissjoni tas-socjeta' intimata li r-rikorrent irrifjuta li jirritorna ghax-xoghol maghha ghax kien sab xoghol alternattiv ma gietx ippruvata.

Is-socjeta' intimata, allura rapprezentata minn Antonella Debono li, skont ix-xhieda ta' Sebastian Debono, kienet '*Head of outlet, tirrenja l-hanut*' fejn kien jahdem ir-rikorrent, ittrattat lir-rikorrent b'mod inacettabbli u b'theddid li ma jistax jigi tollerat f'ambitu ta' relazzjonijiet ta' xoghol u kien dal-fatt principali li wassal ghall-kaz odjern.

Bl-Artikolu 10 tal-kuntratt tax-xoghol (Dok. S.D.1 fl-inkartament) ir-rikorrent obbliga ruhhu li jipprovdi s-servizzi tieghu lis-socjeta' intimata f'kull post tax-xoghol li jigi determinat f'kull hin mill-istess socjeta'.

Skont ix-xhieda ta' Sebastian Debono, rapprezentant tas-socjeta' intimata, in forza ta' dan l-artikolu 10 tal-kuntratt tax-xoghol l-impjegat "dejjem irid ikun a disposizzjoni ta' fejn ikun hemm bzonn jinqala' irid imur u jirrispondi fuq il-post tax-xoghol fejn ikun hemm bzonn". Fil-fehma ta' dan it-Tribunal l-intrepretazzjoni tas-socjeta' intimata ta' l-artikolu in kwestjoni hi zbaljata.

Veru li kull impjegat ghandu d-dover li jahdem biex l-azjenda li timpjegah tirnexxi. Pero', fl-istess waqt, dik l-azjenda ghandha tirrispetta d-dinjita' ta' l-impjegat taghha. Ma jistax jigi accettat li l-azjenda tibdel u terga' tibdel subbitanjament il-hinijiet tax-xoghol li l-impjegat ikun gja gie ordnat li jrid jahdem u tippretendi li l-impjegat jibqa' idejh fuq zaqqu jistenna ordnijiet godda.

Fil-kaz in ezami r-rikorrent kien inghata *roster* fejn kien ordnat li fit-28 ta' Gunju 2010 kellu jidhol ghax-xoghol filghodu. Gurnata qabel gie infurmat li l-hinijiet tax-xoghol tieghu gew mibdula fis-sens li fit-28 ta' Gunju 2010 kellu jidhol ghax-xoghol wara nofsinhar. Ghamel il-pjanijiet tieghu ghal dik il-gurnata (28 ta' Gunju 2010) skont l-ahhar ordnijiet li kien inghata. Mar jistad ma' missieru. Dakinhar kien fuq il-bahar (kif konfermat fix-xhieda ta' missieru John Agius mghotija fis-7 ta' April 2011). Irceva telefonata minghand 'l fuq imsemmija Antonella Debono li r-*roster* tieghu kien rega' inbidel u kellu jidhol ghax-xoghol dak il-hin stess. Infurmaha li ma kienx possibbli li jmur ghax-xoghol dak il-hin. Mar ghax-xoghol fil-hin programmat bl-ordnijiet li kien inghata l-gurnata ta' qabel. Gie imkecci.

Ftit granet wara r-rikorrent gie offrut l-impieg tieghu lura. Offerta li, skont ix-xhieda ta' Sebastian Dalli, gie ripetuta ghal draba darbtejn. Ir-rikorrent irrifjuta l-offerta.

**Konkluzjoni**

Kif graw il-fatti, it-terminazzjoni ta' l-impjieg tar-rikorrent kienet inevitabbli izda t-Tribunal jaghraf li, fic-cirkostanzi, din giet ikkagunata mill-azzjoni tas-socjeta' intimata, allura rapprezentata mill-kap tal-post tax-xoghol fejn kien jahdem ir-rikorrent.

Jaghraf ukoll li r-rikorrent zbalja meta rrifjuta l-offerta li jinghata lura l-impjieg li kellu.

Mehuda in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, ix-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti, it-Tribunal jiddeciedi li f'dan il-kaz hemm lok li r-rikorrent jinghata kumpens ghall-mod kif gie ttrattat.

Dan il-kumpens qieghed jigi stabbilit fl-ammont ta' elf Euro (€1,000), liema kumpens ghandu jithallas mis-socjeta' intimata lir-rikorrent fi zmien xahar mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghal finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-defensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' tmenin Euro (€80). B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Iffirmat : Edmund Tabone**
**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**
**Ghas-Segretarju**